MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-8 ta' Lulju, 2009

Appell Kriminali Numru. 246/2008

**Il-Pulizija**

**v.**

**David Briffa**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra David Briffa talli fis-7 ta’ Marzu 2007 ghall-habta tas-7.30 p.m. fil-Belt Valletta bi kliem hedded lil Julia Farrugia;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-22 ta’ Lulju 2008 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi David Briffa mhux hati u lliberatu minn kull addebitu;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-Avukat Generali pprezentat fl-1 ta’ Awwissu 2008 li permezz tieghu talab li din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok issib lill-appellat hati ta’ l-imputazzjoni kif dedotta kontra tieghu u tinfliggi l-piena skond il-ligi;

Rat l-eccezzjoni sollevata minn Dott. Arthur Azzopardi ghall-appellat fis-seduta tal-11 ta’ Marzu 2009 fis-sens li r-rikors ta’ appell huwa null peress illi l-paragrafu li jirrigwarda l-fatti fil-qosor isemmi persuna li mhijiex l-appellat u inoltre l-fatti ma jirrispekkjawx ic-cirkostanzi li fihom sehh l-allegat reat;

Rat ir-risposta ta’ Dott. Maurizio Cordina ghall-Avukat Generali fis-sens li ma hemm ebda nullita` peress illi fejn fil-paragrafu msemmi hemm indikat “David Farrugia”, dan kien biss *lapsus calami*;

Rat is-sentenza moghtija fit-22 ta’ April 2009 fejn il-pregudizzjali sollevata mill-appellat giet michuda;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravju ta’ l-Avukat Generali hu fis-sens li l-ewwel Qorti ghaddiet ghad-decizjoni taghha fin-nuqqas tax-xiehda ta’ Julia Farrugia, Fiona Galea Debono u Darren Zammit Lupi f’kuntest fejn l-ufficjal prosekutur ma rrinunzjax ghal tali xhieda li kienu indispensabbli ghall-kaz tal-prosekuzzjoni.

Minn dan jidher car illi dan hu appell li jirrigwarda n-nullita` tal-procediment quddiem l-ewwel Qorti u ergo tas-sentenza appellata li segwiet tali procediment. Issa, mill-verbal tas-seduta tat-22 ta’ Lulju 2008 quddiem l-ewwel Qorti jirrizulta li meta ssejhet il-kawza deher l-appellat (allura imputat) debitament assistit u deher l-Ispettur Pierre Micallef Grimaud ghall-prosekuzzjoni. Imbaghad gie verbalizzat hekk:

**"Julia Farrugia msejha diversi drabi ma dehritx.**

**Ix-xhieda l-ohra msejha diversi drabi ma dehrux.**

**Kawza deciza (liberat)."**

Fis-sentenza taghha l-ewwel Qorti, wara li kkunsidrat li meta ssejhet il-kawza la dehret il-kwerelanta u lanqas xhieda ohra in sostenn tal-akkuza, illiberat lill-appellat minhabba "nuqqas ta' provi". Riferti ma gewx esebiti. M'hemm l-ebda dubju li x-xhieda indikati kienu xhieda indispensabbli ghall-prosekuzzjoni.
Din il-Qorti diversament presjeduta, fl-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Dougall** deciz fid-9 ta' Mejju 1997 qalet testwalment hekk:

**"Kif din il-Qorti irriteniet f'diversi sentenzi, biex l-Avukat Generali (jew, skond il-kaz, il-kwerelant) ikun jista' jinvoka dana l-aggravju f'kazijiet fejn ix-xhud li tkun trid il-prosekuzzjoni ma jidhirx, irid jirrisulta mill-atti u bhala minimu li dak ix-xhud kien gie debitament notifikat (ara, inter alia, P. v. Joseph Sharfid, 12/4/96; P. v. Monica Schranz, 21/2/97, it-tnejn appelli kriminali) jew li l-prosekuzzjoni ghamlet dak kollu minnha mistenni biex tipprova tinnotifikah. Il-prova li xhud gie notifikat jew li sar tentattiv ta' notifika ghandha ssir, bhala regola, permezz tar-riferta."**

Fir-rikors ta' appell tieghu l-Avukat Generali jghid illi l-prosekuzzjoni kienet f'posizzjoni li tesebixxi r-riferti ta' notifika ta' l-avviz tas-smiegh imqassma lil Fiona Galea Debono u Darren Zammit Lupi. Ciononostante mill-atti ma jirrizultax illi dawn gew esebiti quddiem l-ewwel Qorti u l-anqas li sar xi verbal dwar ir-riferti. Inoltre ma sar ebda tentattiv biex jigu esebiti quddiem din il-Qorti. L-Ispettur Pierre Micallef Grimaud, meta msejjah minn din il-Qorti biex jixhed dwar dak li gara fis-seduta tat-22 ta' Lulju 2008 quddiem l-ewwel Qorti, ikkonferma li ma kinitx tfaccat ix-xhud principali Julia Farrugia u qal: "Pero` ma niftakarx kellix ir-riferti dak il-hin hemmhekk, pero` nista' niftakar li gara illi x'hin qed nippruvaw nispjegaw lill-Qorti illi jew

tqassmu jew aktarx ghandna r-riferti, il-Qorti ma taghtniex cans.” Mistoqsi minn din il-Qorti jekk dakinhar kellhomx riferti maghhom, ix-xhud wiegeb: “Dak il-hin ma jidhirlix li kienu quddiemi. Jista’ jkun forsi kienu qed jigu *sorted* gol-Qorti pero` l-Magistrat ma riedx jistenna u ddecieda illi jillibera dak il-hin. Illum il-gurnata ma nafx dawn gewx mghoddija lill-Avukat Generali, kinux instabu riferti jew le. Nahseb li gew esebiti.”

Kif diga` osservat din il-Qorti, riferti la gew esebiti u l-anqas ma sar tentattiv biex jigu esebiti. Jigifieri galadarba ma gewx esebiti riferti, la hemm prova li x-xhieda tal-prosekuzzjoni gew notifikati u l-anqas li sar xi tentattiv biex jigu notifikati. Barra minn hekk peress illi mill-verbal imsemmi tat-22 ta’ Lulju 2008 jirrizulta illi kemm Julia Farrugia kif ukoll ix-xhieda l-ohra gew imsejha “diversi drabi” u baqghu ma dehrux, dan certament ifisser illi l-prosekuzzjoni kellha opportunita` tfittex ir-riferti relattivi, jekk dawn kienu ghandha, waqt li qed jissejhu x-xhieda. In-nuqqas li l-prosekuzzjoni tesebixxi r-riferti wassal ghad-decizjoni li hadet l-ewwel Qorti li tillibera fuq nuqqas ta’ provi. U, konsonanti ma’ dak deciz fis-sentenza precitata **Il-Pulizija v. Joseph Dougall**, id-decizjoni taghha kienet korretta ghax la rrizulta li x-xhieda gewx notifikati u l-anqas li sar xi tentattiv biex jigu notifikati.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------